

Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq

Rapport Annwali

2012



Kelmtejn ta' qabel mill-President

L-ESMA temmet b'suċċess it-tieni sena tal-operazzjonijiet tagħha bħala r-regolatur indipendenti tat-titoli u s-swieq tal-Unjoni Ewropea (UE). It-tieni Rapport Annwali jiddokumenta kif l-ESMA stabbilixxiet lilha nnifisha bħala istituzzjoni u l-progress li għamlet biex tilħaq l-għanijiet stabbiliti għaliha mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill.

L-għanijiet tal-ESMA, li jiffurmaw l-attivitajiet u l-azzjonijiet kollha tagħha, jinkludu:

- il-ħolqien ta' ġabra unika ta' regoli;
- l-iżgurar ta' konverġenza superviżorja madwar l-UE;
- is-sorveljanza tal-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu;
- il-promozzjoni u l-protezzjoni akbar tal-invesituri; u
- il-kontribuzzjoni lejn l-istabbiltà finanzjarja tal-UE.

Filwaqt li l-ewwel sena tal-operazzjonijiet tal-ESMA kienet ikkaratterizzata minn kundizzjonijiet tas-swieq volatili, is-sena li għaddiet, filwaqt li baqgħet diffiċli għas-swieq, rat xi titjib fl-indikaturi tar-riskju sistemiku fis-swieq tat-titoli tal-UE, b'mod partikolari fit-tieni parti tal-2012. Madankollu, għadna 'l bogħod milli nkunu pożittivi dwar ir-riskji li jinħolqu għall-istabbiltà tas-swieq tagħna, hekk kif sibna li l-indikaturi tar-riskju jibqgħu f'livelli għoljin minħabba d-dejn sovrani u l-kriżi bankarja, l-allinjament mill-ġdid tal-valutazzjonijiet tal-invesituri, ir-riskju tal-finanzjamenti, l-implikazzjonijiet potenzjali fuq meta ta' żmien twil ta' rati ta' imgħax baxxi u l-ostakli għall-funzjonament normali tas-suq li hemm fil-preżent. Sejrjn inkompli nissorveljaw is-sitwazzjoni bħala parti mir-responsabbiltajiet ta' kuljum tagħna u permezz tal-ħidma tagħna mal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS).

Fl-ilhug ta' dawn l-għanijiet, l-ESMA ħadmet mill-qrib mal-Awtoritajiet Nazzjonali Kompetenti (NCAs) tal-Istati Membri u kompliet tibni fuq ir-relazzjonijiet b'saħħithom tagħha mal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej li huma sħab magħna: l-Awtorità Bankarja Ewropea (ABE); l-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA), u l-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS).

Bħal-2011, l-ixprun għall-biċċa l-kbira tal-attività tal-ESMA baqgħet l-implimentazzjoni tal-bidliet regolatorji u superviżorji identifikati mill-UE bħala meħtieġa biex tiġi indirizzata l-kriżi finanzjarja, u biex jiġu sodisfatti l-impenji tagħha tal-G20 biex tinbena sistema finanzjarja aktar reżiljenti. L-oqsma ewlenin fejn l-ESMA għamlet progress tanġibbli lejn dawn il-miri kienu: il-ħidma tagħha fuq l-inklużjoni tar-reġim superviżorju l-ġdid għall-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu (CRAs) fl-UE; il-ħidma tagħha fuq il-ġabra unika ta' regoli, u fl-ilhug tal-konverġenza superviżorja madwar l-Istati Membri.

Issa li ilha tissorvelja s-CRAs għal tmintax-il xahar, l-ESMA lestiet l-ewwel serje ta' spezzjonijiet tal-entitajiet ewlenin irreġistrati, bis-sejbiet tagħna jiġu ppubblikati f'Marzu 2012. Ir-rapport identifika diversi nuqqasijiet u oqsma għal titjib, li issa jagħmlu parti minn kull pjan ta' sorveljanza tal-entitajiet. Il-ħidma tematika tagħna fl-2012 iffukat fuq il-funzjonijiet ta' konformità tas-CRAs u l-metodoloġiji ta' klassifikazzjoni tal-banek tagħhom, ir-reviżjoni tal-proċessi ta' żvelar u l-implimentazzjoni tal-bidliet fil-metodoloġiji ta' klassifikazzjoni tal-banek, l-applikazzjoni rigoruża u sistematika tal-metodoloġiji u l-proċess ta' revizzjoni metodoloġiku. Sa tmien l-2012 irreġistrajna 19-il CRA fl-UE, b'CRA mill-Ġappun, u qegħdin inkompli nirċievu aktar applikazzjonijiet għal reġistrazzjoni.

L-ESMA għamlet passi sinifikanti fil-ħolqien ta' ġabra unika ta' regoli permezz ta' varjetà sħiħa ta' mezzi. Il-ħidma tagħna bil-profil l-aktar għoli ffukat fuq l-iżvilupp ta' standards tekniċi f'żewġ oqsma: il-bejgħ bin-nieqes u l-iswaps ta' inadempjenza tal-kreditu, bħala appoġġ tal-integrità tas-suq, u dawk bħala appoġġ tar-Regolament Ewropew għall-Infrastruttura tas-Swieq, li jissodisfa l-impenn tal-G20 tal-UE biex jiġi rregolat is-suq tad-derivattivi barra l-Borża. Barra minn hekk, l-ESMA pprovdiet lill-KE b'pariri dwar il-leġislazzjoni sekondarja fuq il-prospetti, l-UCITS, il-fondi ta' investiment alternattivi u l-bejgħ bin-nieqes. Fl-aħħar nett, bħala appoġġ għall-għan tagħna marbut mal-ġabra unika ta' regoli, aħna tajna pariri



u appoġġ dwar l-iżviluppi leġislattivi inkluż: l-MiFID 2 u l-MiFIR; id-Direttiva dwar l-Abbuż tas-Suq (MAD) u r-Regolament dwar l-Abbuż tas-Suq (MAR), u d-Direttiva dwar id-Depożitarji Ċentrali tat-Titoli (CSD), li qiegħda tiġi ffinalizzata mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill.

Agħmilna progress tajjeb biex nissodisfaw il-mandat tagħna dwar l-ilħuq tal-konverġenza tal-prattiki superviżorji u regulatorji madwar is-27 Stat Membru. Dan ilhaqni permezz tal-iżvilupp ta' linji gwida għall-attivitajiet tas-suq inkluż negozjar bi frekwenza għolja, iżda anki enfażi b'saħħitha fuq l-indirizzar tal-industrija tal-investimenti u l-ġestjoni tal-assi. Dan jinkludi l-iżvilupp ta' linji gwida li jindirizzaw: manijers ta' fondi ta' investiment alternattivi; fondi negozjati fil-borża (ETFs) u UCITS; l-adeqwatezza tal-pariri lill-investituri; u l-funzjonijiet ta' konformità tad-ditti ta' investiment. Barra minn hekk, wettaqna evalwazzjoni bejn il-pari tal-attivitajiet tal-NCAs sabiex jiġi vvalutat il-grad ta' konverġenza fl-applikazzjoni u l-infurzar tal-liġi tal-UE, u ppubblikajna reviżjonijiet dwar ir-reġim tal-prospett u l-użu ta' sanzjonijiet kontra l-abbuż tas-suq. Fl-aħħar nett, id-determinazzjoni ta' numru kbir ta' rinunzji ta' trasparenza ta' qabel in-negozjar skont l-MiFID ikkontribwixxiet għal Prattiki komuni bejn il-fruntieri.

Flimkien mal-ħidma tagħna fuq il-konverġenza superviżorja, l-ESMA kellha rwol importanti fil-koordinazzjoni tal-azzjonijiet mill-NCAs f'emerġenzi relatati ma' *żviluppi negattivi tas-suq*. Dan esperjenzajnih matul is-sajf tal-2012 fejn il-kundizzjonijiet tas-suq fl-UE li kienu sejrin lura, u l-ESMA kellha rwol ewlieni fil-koordinazzjoni tal-projbizzjonijiet ta' bejgħ bin-nieqes sussegwenti li ġew imposti. L-ESMA, f'Novembru, imbagħad ħadet f'idejha r-rwol uffiċjali l-ġdid tagħha skont ir-Regolament dwar il-Bejgħ bin-Nieqes, bil-ħruġ tal-opinjoni tagħha dwar ir-restrizzjonijiet imposti mill-Ġreċja u Spanja fis-swieq rispettivi tagħhom.

Għan prinċipali li qiegħed isostni l-ħidma li qegħdin iwettqu r-regolaturi tat-titoli tax-xogħol, huwa t-titjib tal-protezzjoni tal-investituri, u l-ESMA qiegħda tagħmel l-istess f'dan ir-rigward. Mill-ħolqien tagħha, l-ESMA ħadmet bla għeda biex issaħħaħ il-qafas Ewropew għall-protezzjoni tal-investituri permezz ta' serje ta' inizzjattivi konkreti. Fl-2012 dawn inkludew linji gwida, li diġà ssemmew, dwar l-ETFs u l-UCITS u l-adeqwatezza tal-pariri lill-investituri u l-funzjonijiet ta' konformità tad-ditti ta' investiment, li, minbarra li jarmonizzaw il-prattiki regulatorji, jgħinu jsaħħu l-protezzjoni mogħtija lill-investituri. Barra minn hekk, l-ESMA ħarġet twissija lill-investituri fir-rigward tal-iżvantaġġi li huma jiffaċċjaw meta jużaw l-internet għall-finijiet ta' investiment, wara li ġiet ossservata żieda fl-ilmenti rrapportati mill-awtoritajiet nazzjonali.

Lil hinn mill-kwistjonijiet purament regulatorji jew superviżorji, l-ESMA żiedet ir-riżorsi allokatati biex tappoġġja l-għan tagħha ta' stabbiltà finanzjarja, billi tejbet il-kapaċità tagħha li tivvaluta r-riskji tal-istabbiltà fis-swieq finanzjarji. Il-ħidma tal-ESMA fuq l-istabbiltà finanzjarja hija taħlita ta' proġetti speċifiċi u rappurtar regolari tar-riskju. Fl-aħħar sena, lestjena xogħol speċifiku fuq ir-riskji assoċjati max-xejra attwali tal-industrija lejn prodotti għall-konsumaturi strutturati u kumplessi. Barra minn hekk, wettaqna valutazzjoni preliminari tad-daqs tas-sistema bankarja "parallela" fl-UE, u bdejna proġetti fuq analiżi tas-swieq tas-CDS u l-kontribuzzjoni tas-settur tal-hedge funds għar-riskji sistemiċi fis-swieq finanzjarji.

L-aspett globali tar-riforma tas-swieq finanzjarji, u l-interkonnnettività tagħhom, fisser li l-ESMA kienet involuta ħafna fil-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni internazzjonali matul l-aħħar 12-il xahar. Dan inkluda: il-parteċipazzjoni fil-koordinazzjoni internazzjonali tar-riforma tad-derivattivi OTC; l-approvazzjoni ta' sistemi ta' sorveljanza tas-CRA ta' ġurisdizzjonijiet differenti bħala li huma ekwivalenti għall-istandards tal-UE, u l-bidu ta' negozjati dwar Memorandum ta' Ftehim dwar is-superviżjoni ta' fondi ta' investiment alternattivi. L-ESMA kkontribwixxiet ukoll għall-flussi tax-xogħol tal-Bord għall-Istabbiltà Finanzjarja u dan l-aħħar saret Membru Assoċjat tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kummissjonijiet tat-Titoli (IOSCO).

Il-Kumitat Konġunt tat-tliet Awtoritajiet Superviżorji Ewropej, li jinkludu l-ESMA, l-ABE u l-EIOPA, li kelli l-unur li nippresjedi fl-2012, għamel progress tajjeb ħafna fil-miri tiegħu li: tiġi żgurata konsistenza fil-fehmiet tagħhom dwar it-temi ta' interess komuni, l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet komuni; u biex tiġi skambjata l-informazzjoni dwar is-setturi rispettivi tagħhom.



Fit-twettiq tal-kompiti tagħha, l-ESMA żgurat li l-partijiet interessati kollha kellhom l-opportunità li jagħtu kontribut fid-deċiżjonijiet tagħna, permezz ta' konsultazzjoni pubblika miftuħa, interazzjoni mad-diversi partijiet assoċjati interessati – li jirappreżentaw kemm l-investuri u l-parteciċipanti tas-suq – u billi titlob l-opinjoni tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tas-Swieq tat-Titoli.

Fl-aħħar nett, nixtieq nirringrazzja lil kollegi tiegħi mill-awtoritajiet nazzjonali tal-UE li, bħala membri tal-Bord tas-Superviżuri, ikkontribwixxew biex jagħmlu progress sinifikanti fl-ilħuq tal-għanijiet tagħna. Filwaqt li l-membri kollegi tiegħi tal-Bord ta' Ġestjoni pprovdew għajjnuna u pariri fl-iżgurar tal-funzjonament bla xkiel tal-Awtorità.

Fl-aħħar nett, xejn minn dan ma kien ikun possibbli mingħajr dawk l-individwi li l-impenn u l-ħidma bla għeda tagħhom ippermettew lill-ESMA tikseb dak kollu li kisbet fl-2012, jiġifieri l-persunal. Qiegħed inħares 'il quddiem lejn tnax-il xahar oħra mimlija suċċessi bħala mexxej ta' dan it-tim.

Steven Maijoor

President

Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq



Kelmtejn ta' qabel mid-Direttur Eżekuttiv

L-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) temmet it-tieni sena ta' attività bħala r-regolatur tat-titoli tal-UE fl-2012, li, bħas-sena ta' qabel, kienet waħda impenjattiva fejn l-ESMA kellha tikseb ir-riżultati għal Programm ta' Ħidma eżiġenti. Fir-rwol tiegħi bħala Direttur Eżekuttiv, jiena għalhekk ninsab kuntent li nirrapporta dwar x'fisser dan għall-ESMA fl-2012.

Il-bini u l-espansjoni ta' organizzazzjoni fl-isfond ta' responsabbiltajiet dejjem jikbru, f'ambjent fejn is-swieq finanzjarji baqgħu volatili, jistgħu jkunu ta' sfida. Barra minn hekk, l-ESMA wriet li hija kapaċi żżomm il-pass mal-ħafna domandi li tiffaċċja f'termini ta' leġislazzjoni, organizzazzjoni u responsabbiltajiet ġodda u l-issodisfar tagħhom, u t-twassil b'suċċess f'ħafna mill-kompiti l-ġodda tagħha. L-ewwel parti tas-sena kienet iddominata bl-inklużjoni ta' superviżjoni ta' aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu u t-twassil ta' standards tekniċi regolatorji biex isostnu l-leġislazzjoni tat-titoli li jmiss. Fokus ewlieni għal matul is-sena kien is-sett ta' regoli ġodda mmirat li jgħib negozjar ta' derivattivi OTC skont sorveljanza regolatorja, billi jkunu meħtieġa jkunu soġġetti għal awtorizzazzjoni ċentrali. Dan ir-regolament EMIR sejjer jipprovdi wkoll lill-ESMA b'responsabbiltajiet ewlenin, simili għal dawk tas-CRAs, f'termini tas-sorveljanza tar-repożitorji tan-negozjar, kif ukoll il-parteċipazzjoni tal-kulleġġi CCP kollha. Bdejna nippreparaw irwieħna biex inkunu nistgħu nissodisfaw dawn ir-responsabbiltajiet il-ġodda fl-2013.

Bil-biċċa l-kbira tal-ħidma politika tal-ESMA fl-2012 iffukata fuq il-bini ta' ġabra unika ta' regoli għall-Unjoni Ewropea (UE), bdiet ukoll il-bidla lejn istituzzjoni li hija aktar orjentata lejn is-sorveljanza u l-konverġenza superviżorja, flimkien mar-rwol politiku tagħha. Dan kien rifless fir-reklutaġġ tagħna. B'mod ġenerali, l-ESMA kompliet tikber b'mod konsistenti matul l-2012, fejn bdiet b'madwar 60 impjegat u laħqet il-mitt impjegat sal-aħħar tas-sena. Ilqajna persunal minn varjetà sħiħa ta' sfondi, inklużi dawk b'esperjenza tal-istituzzjonijiet Ewropej, ir-regolaturi nazzjonali u s-swieq finanzjarji. Meta wieħed iħares lejn il-lista twila ta' responsabbiltajiet li sejjer ikollha l-ESMA skont l-EMIR, u leġislazzjoni oħra, ser ikollhom jiżdiedu aktar in-numru u l-varjetà ta' persunal li neħtieġu. Il-biċċa l-kbira tat-tieni nofs tal-2012 kienet iddedikata għal preparazzjonijiet għall-iżvilupp kontinwu tal-Awtorità fl-2013, l-ippjanar tal-ħtiġijiet u sabiex jiġi żgurat li l-kapaċità operattiva tal-organizzazzjoni tkun lesta għal dawn l-iżviluppi. Fost affarijiet oħrajn, din inkludiet il-kisba ta' ftehim mill-Awtoritajiet Baġitjarji għall-ESMA biex tespandi l-bini tagħha f'103 rue de Grenelle b'żewġ sulari oħra.

Madankollu, it-tkabbir fl-Awtorità kien rifless ukoll fil-maturità dejjem akbar f'oqsma oħra, peress li l-ESMA żviluppat is-sistemi u l-proċeduri meħtieġa biex jiġi żgurat li l-proċessi finanzjarji u tal-akkwist u proċessi amministrattivi oħra tagħha jissodisfaw ir-regoli stretti stipulati skont il-proċeduri tal-UE - punt fundamentali biex jiġi żgurat li l-awtorità superviżorja tmexxi billi tagħti eżempju tajjeb. Bħala riżultat ta' dawn il-proċessi mġedda, ilħaqna titjib sinifikanti fl-effikaċja operattiva tagħna li, flimkien mal-implimentazzjoni ta' funzjonijiet ta' kontroll intern ġodda, ħallietna nilħqu konformità mal-miri u l-għanijiet amministrattivi tagħna awtorizzati mill-UE.

Dan it-titjib fil-proċessi u l-proċeduri ppermettew lill-ESMA biex matul is-sena, iżżomm livell għoli ta' effikaċja operattiva biex b'hekk jintlaħqu l-miri politiki importanti fil-programm ta' ħidma tagħna – is-superviżjoni diretta u r-reġistrazzjoni tas-CRAs, it-tisħiħ tal-protezzjoni tal-investituri, l-istabbiltà finanzjarja u l-attivitajiet ta' konverġenza superviżorja.

Il-Kontijiet Annwali għall-2012 tal-ESMA jirriflettu l-iżvilupp kontinwu tal-Awtorità. Nixtieq niringrazzja l-persunal kollu tal-ESMA għall-ħidma bla għeda, l-impenn u l-kontribut enormi tiegħu li kull wieħed minnhom ta' biex fl-2012 jinkiseb riżultat tassew impressjonanti, ħafna drabi fi skadenzi li kienu ta' sfida. Nixtieq ngħid grazzi wkoll lill-kolleġi tiegħi fil-Bord tat-Tmexxija u l-Bord tas-Superviżuri tal-ESMA, il-ħafna parteċipanti fil-gruppi ta' ħidma, il-bordijiet industrijali u l-partijiet interessati kollha li kkontribwixxew għal sena ta' suċċess għall-ESMA fl-2012.

Verena Ross



Direttur Eżekuttiv
Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq

Werrej

Kelmtejn ta' qabel mill-President	2
Kelmtejn ta' qabel mid-Direttur Eżekuttiv	5
1. Ir-rwol u l-għanijiet tal-ESMA	8
Għanijiet tal-ESMA	8
Organizzazzjoni tal-ESMA	10
2. Il-kisbiet tal-ESMA fejn jidħlu l-għanijiet tagħha għall-2012	12
2.1 Stabbiltà Finanzjarja	13
2.2 Protezzjoni Finanzjarja tal-Konsumatur	13
2.3 Superviżjoni	14
2.4 Għabra Unika ta' Regoli	14
2.5 Konverġenza	15

1. Ir-rwol u l-għanijiet tal-ESMA

L-ESMA, li ġiet stabbilita f'Jannar 2011, hija inkarigata mit-tisħiħ tal-protezzjoni tal-investituri u l-promozzjoni ta' swieq finanzjarji stabbli u li jaħdmu sew fl-Unjoni Ewropea (UE). Bħala istituzzjoni indipendenti, l-ESMA tilħaq dawn l-għanijiet billi toħloq ġabra unika ta' regoli għas-swieq finanzjarji tal-UE u tiżgura l-applikazzjoni konsistenti tagħha madwar l-UE, u tikkontribwixxi għar-regolamentazzjoni tad-ditti tas-servizzi finanzjarji b'firxa pan-Ewropea, b'superviżjoni diretta jew permezz tal-koordinazzjoni attiva tal-attività superviżorja nazzjonali.

Il-karatteristiċi organizzattivi tal-ESMA

Dawn is-sitt karatteristiċi li ġejjin jiddeskrivu l-ESMA, u kif din tilħaq il-missjoni u l-għanijiet tagħha.

- **Ewropea:** Meta twettaq il-kompiti tagħha, l-ESMA taġixxi fl-interess tal-UE. L-organizzazzjoni tirrifletti d-diversità tal-UE;
- **Indipendenti:** L-ESMA hija indipendenti mill-istituzzjonijiet tal-UE, l-awtoritajiet nazzjonali u l-parteċipanti fis-swieq finanzjarji;
- **Kooperattiva:** L-ESMA flimkien mal-awtoritajiet nazzjonali, tiffirma netwerk tal-UE tas-superviżuri tas-swieq finanzjarji. Tikkoopera mal-korpi rilevanti Ewropej, inklużi l-Awtorità Bankarja Ewropea (ABE), l-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA), u l-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS), u ma' regolaturi barra mill-UE;
- **Kontabbli:** It-teħid ta' deċiżjonijiet tal-ESMA huwa trasparenti u jindirizza l-partijiet interessati kollha b'mod inklussiv u miftuħ. L-organizzazzjoni trid tagħti rendikont lill-Parlament Ewropej, il-Kunsill Ewropew, il-Kummissjoni Ewropea u l-pubbliku ġenerali;
- **Professjonali:** L-ESMA tirsisti biex ikun hemm eċċellenza professjonali billi tħaddem personal ta' kwalità għolja b'kompetenzi, għarfien u esperjenza teknika qawwija tas-swieq finanzjarji, u billi ssegwi prattiki u proċeduri sodi; u
- **Effettiva:** L-ESMA tuża r-riżorsi tagħha b'mod effiċjenti sabiex timmassimizza l-impatt tagħha fil-promozzjoni tal-protezzjoni tal-investituri u swieqi stabbli u li jaħdmu sew fl-UE.

Għanijiet tal-ESMA

Regolamentazzjoni b'saħħitha u effettiva tas-swieq tat-titoli hija essenzjali għat-tkabbir, l-integrità u l-effiċjenza tas-swieq finanzjarji u l-ekonomija tal-UE, filwaqt li regolamentazzjoni u superviżjoni effettiva huma fattur vitali fl-iżgurar u ż-żamma tal-kunfidenza fost il-parteċipanti fis-swieq. Sabiex jitravmu dawn il-kundizzjonijiet, l-ESMA nħolqot bħala Awtorità indipendenti tal-UE biex tittejjeb l-armonizzazzjoni fir-regoli u l-prattiki superviżorji.

Sabiex tintlaħaq implimentazzjoni ta' regoli armonizzati madwar l-UE, l-ESMA sservi bħala stabbilizzatur standard b'relazzjoni mal-leġiżlazzjoni dwar it-titoli u ttiprovdi pariri tekniċi fejn tkun awtorizzata mill-Kummissjoni Ewropea (KE). Din għandha wkoll rwol importanti fis-superviżjoni diretta tal-atturi finanzjarji bi profili pan-Ewropej, l-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu (CRAs) u fir-repożitorji tan-negozjar (TRs) tal-futur. Fil-futur, l-ESMA sejra tipparteċipa wkoll fis-superviżjoni tal-Kontropartijiet Ċentrali (CCPs) permezz tal-kulleġġi superviżorji.

Ir-rapport annwali tal-ESMA huwa għodda importanti biex ttiprovdi kontabbiltà fir-rigward tat-twettiq tal-għanijiet u l-Programm ta' Ħidma annwali tagħha. Ir-rwol tal-ESMA jista' jinftiehem aħjar permezz tal-ħames għanijiet li stabbilixxiet hi nnifisha, jiġifieri:

Stabbiltà finanzjarja

Sabiex l-ESMA tikkontribwixxi għas-salvagwardja tal-istabbiltà finanzjarja tas-swieq tat-titoli tal-UE, huwa kruċjali li tanalizza b'mod kontinwu x-xejriet u li fi stadju bikri, tidentifika r-riskji potenzjali u l-vulnerabbiltajiet fuq livell mikro prudenzjali. L-ESMA tilħaq dan, fil-konfini u s-setturi, billi twettaq

analiżi ekonomika tas-swieq Ewropej tat-titoli u l-mudelli tal-impatt tal-iżviluppi potenzjali tas-suq.

L-ESMA tinforma lill-Istituzzjonijiet Ewropej, lill-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej (ESAs) oħra u l-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS) fuq bażi regolari u *ad hoc* dwar is-sejbiet tagħha. L-aggregazzjoni tal-mikrodejta miġbura fuq il-livell superviżorju hija essenzjali biex tiġi identifikata l-formazzjoni ta' riskji makro potenzjali għall-ekonomija kollha kemm hi. Għaldaqstant, huwa kruċjali li jiġu infurmati daww kolla meħtieġa li jieħdu deċiżjonijiet, inkluż fuq il-livell tal-UE, il-Kumitat tas-Servizzi Finanzjarji (FSC) u t-Tabella tal-Istabbiltà Finanzjarja tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju (EFC-FST). Mill-2013, l-ESMA sejra tippubblika wkoll rapporti biannwali sabiex tqajjem kuxjenza ta' theddid potenzjali għall-istabbiltà finanzjarja. L-ESMA tikkontribwixxi wkoll biex toħloq stabbiltà finanzjarja billi tikkordina l-miżuri ta' emerġenza madwar l-UE.

Protezzjoni tal-investituri

Kompitu importanti ieħor tal-ESMA huwa li tiżgura li l-interessi tal-investituri jintlaħqu dejjem kif support. L-ESMA tilħaq dan il-għan billi tippromowovi t-trasparenza, is-semplifika u l-ġustizzja fis-swieq tat-titoli għall-konsumaturi ta' prodotti jew servizzi finanzjarji. Sabiex jiġi żgurat li l-investituri jgawdu l-istess livell ta' protezzjoni irrispettivament mill-punt ta' bejgħ jew il-prodott li jkun qiegħed jinbiegħ, l-ESMA tiġbor, tanalizza u tirrapporta dwar ix-xejriet tal-konsumaturi, filwaqt li tippromowovi l-inizjattivi għall-għarfien u l-edukazzjoni finanzjarja u tikkontribwixxi biex issaħħa ir-regoli komuni ta' żvelar.

Huwa importanti għall-ESMA li tissorvelja l-attivitajiet finanzjarji l-ġodda u daww eżistenti peress li dan jippermetti li tiġi vvalutata l-ħtieġa jekk għandhomx jiġu adottati linji gwida u rakkomandazzjonijiet li jippromowovi swieq tat-titoli sikuri u b'saħħithom, u l-konverġenza tal-prattika regolatorja biex jiġi żgurat li tissaħħa il-protezzjoni tal-investituri madwar l-UE.

Jekk l-ESMA identifika prodotti li jistgħu minnhom infushom jippreżentaw theddid serju għall-investituri, hija ser tikkunsidra li toħroġ twissijiet. Jekk jidħlu fis-seħħ il-proposti leġiżlattivi preżenti, fil-futur l-ESMA ser tkun tista', bħala l-aħħar miżura, tippromowovi temporanjament ċerti prodotti. Il-ħidma tal-ESMA f'dan il-qasam sejra tiffoka wkoll biex jiġi żgurat li l-informazzjoni finanzjarja mogħtija mill-parteċipanti fis-suq lill-investituri tkun ċara, tista' tintfieh u konformi mar-regoli eżistenti.

Ġabra Unika ta' Regoli

Fir-rwol tagħha ta' stabbilizzatur standard, l-ESMA taħdem biex tistabbilixxi standards tekniċi regolatorji armonizzati (RTS) fl-oqsma differenti ta' regolamentazzjoni tat-titoli. Billi tabbozza dawn l-istandards, l-ESMA tikkontribwixxi għall-ħolqien ta' ġabra unika ta' regoli tal-UE applikabbli għall-parteċipanti kollha tas-suq u għall-ħolqien ta' kundizzjonijiet ekwi madwar l-UE. Isservi wkoll biex tippromowovi l-kwalità u l-konsistenza tas-superviżjoni nazzjonali, il-protezzjoni msaħħa u konsistenti tal-investituri madwar l-UE u biex issaħħa is-sorveljanza tal-gruppi transkonfinali.

Konverġenza

L-ESMA kienet stabbilita biex toħloq konverġenza superviżorja billi tnaqqas l-arbitraġġ regolatorju li jirriżulta minn Prattiki differenti madwar l-UE. Prattiki superviżorji differenti għandhom il-potenzjal biex mhux biss jimminaw l-integrità, l-effiċjenza u l-funzjonament tajjeb tas-swieq, iżda finalment l-istabbiltà finanzjarja.

Sabiex jitravmu Prattiki superviżorji ġusti u bbilanċjati, l-ESMA twettaq evalwazzjonijiet bejn il-pari tal-leġiżlazzjoni tat-titoli eżistenti tal-UE. Barra minn hekk, l-ESMA għandha numru ta' għodod biex tintlaħaq il-konverġenza regolatorja, inkluż il-ħruġ ta' opinjonijiet, id-dħul f'medjazzjoni u bħala l-aħħar soluzzjoni, proċedura ta' Ksur tal-liġi tal-Unjoni.

L-ESMA għandha l-għan li tuża l-ħidma ta' konverġenza biex tmexxi l-attivitajiet tagħha f'oqsma oħra tal-Programm ta' Ħidma tagħha, inkluż it-tisħiħ tal-ġabra unika ta' regoli, permezz tal-ħruġ ta' linji gwida u rakkomandazzjonijiet f'oqsma fejn teżisti differenza ta' applikazzjoni, u billi tagħti pariri lill-Kummissjoni fuq oqsma fejn tista' tkun meħtieġa leġiżlazzjoni riveduta biex jiġu allinjati l-prattiki superviżorji.

Superviżjoni

Is-setgħat superviżorji diretti tal-ESMA huma ffukati fuq żewġ gruppi ta' parteċipanti fis-swieq finanzjarji li huma l-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu u r-repożitarji tan-negozjar. Mill-1 ta' Lulju 2011, l-ESMA hija l-korp tal-UE responsabbli għar-regiżtrazzjoni u s-superviżjoni tas-CRAs. Mill-2013, l-ESMA sejjer ikolla wkoll setgħat superviżorji diretti fir-rigward tar-repożitorji tan-negozjar u tipparteċipa fil-kulleġġi superviżorji li sejrin jissorveljaw is-CCPs.



Fit-twettiq tas-superviżjoni tal-parteċipanti fis-swieq finanzjarji pan-Ewropej, li jista' jkollhom impatt fuq l-integrita' tas-swieq finanzjarji tal-UE, l-ESMA tikkontribwixxi għal swieq finanzjarji aktar sikuri u b'saħħithom u b'hekk tappoġġja l-protezzjoni tal-investituri.

Organizzazzjoni tal-ESMA

L-ESMA, li ġiet stabbilita f'Jannar 2011, hija inkarigata mit-tisħiħ tal-protezzjoni tal-investituri u l-promozzjoni ta' swieq finanzjarji stabbli u li jaħdmu sew fl-UE. Bħala istituzzjoni indipendenti, l-ESMA tilħaq dan billi tohoq ġabra unika ta' regoli għas-swieq finanzjarji tal-UE u tiżgura l-applikazzjoni konsistenti madwar l-UE. L-ESMA tikkontribwixxi għar-regolamentazzjoni tad-ditti tas-servizzi finanzjarji b'firxa pan-Ewropea – jew permezz ta' sorveljanza diretta jew permezz tal-koordinazzjoni attiva tal-attivita' superviżorja nazzjonali.

Ġestjoni u Konverġenza tal-ESMA

Żewġ korpi ta' teħid ta' deċiżjonijiet jirregolaw l-ESMA: il-Bord tas-Superviżuri u l-Bord tat-Tmexxija. L-ESMA għandha President, Steven Maijor, u Direttur Eżekuttiv, Verena Ross li jaħdmu fuq bażi full-time. It-tnejn huma bbażati fil-bini tal-ESMA f'Pariġi u għandhom terminu ta' ħames snin li jista' jiġi estiż darba. Il-President huwa responsabbli għat-tħejjija tal-BoS u jippresjedi kemm il-laqgħa tal-Bord tas-Superviżuri u l-Bord tat-Tmexxija. Jirrappreżenta wkoll l-Awtorita' esternament.

Id-Direttur Eżekuttiv huwa responsabbli għat-tmexxija ta' kuljum tal-Awtorita', inklużi l-kwistjonijiet tal-persunal, l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-Programm ta' Ħidma annwali, l-iżvilupp tal-abbozz tal-baght tal-Awtorita' u t-tħejjija tal-ħidma tal-Bord tat-Tmexxija.

Bord tas-Superviżuri tal-ESMA

Minbarra l-President tal-ESMA, il-Bord tas-Superviżuri huwa magħmul mill-kapijiet tas-27 awtorita' nazzjonali (fejn hemm aktar minn awtorita' nazzjonali waħda fi Stat Membru, dawk l-awtoritajiet sejr in jilħqu ftehim dwar liema mill-kapijiet tagħhom se jirrappreżentahom), b'osservatur mill-KE, rappreżentant mill-ABE u l-EIOPA u rappreżentant tal-BERS. Barra minn hekk, in-Norveġja, l-Islanda u Liechtenstein kienu mistiedna biex jattendu bħala osservaturi permanenti, u l-Kroazja dalwaqt se jra tissieħeb bħala membru sħiħ bl-adeżjoni tagħha fl-UE. Il-Bord imexxi l-ħidma tal-Awtorita' u għandu r-responsabbilta' finali għat-teħid tad-deċiżjonijiet fir-rigward tal-adozzjoni tal-opinjonijiet, ir-rakkomandazzjonijiet, il-linji gwida tal-ESMA u kwalunkwe deċiżjoni oħra, inkluż il-ħruġ tal-pariri lill-istituzzjonijiet tal-UE.

Il-membri attwali tal-Bord u s-sommarji tal-laqgħat tagħhom tal-2012 jinsabu fuq il-websajt tal-ESMA: www.esma.europa.eu/bos



Il-Bord tat-Tmexxija tal-ESMA

Minbarra l-President tal-ESMA, il-Bord tat-Tmexxija tal-ESMA huwa magħmul minn sitt membri (u sostitut għal kull wieħed minnhom) magħżula mill-Bord tas-Superviżuri mill-membri tiegħu. Id-Direttur Eżekuttiv u rappreżentanti mill-KE jattendu bħala parteċipanti mingħajr vot (ħlief fil-kwistjonijiet tal-baġit fejn il-Kummissjoni għandha vot).

Ir-rwol ewlieni tal-Bord huwa li jiffoka fuq il-ġestjoni tal-aspetti tal-Awtorità bħall-iżvilupp ta' Programm ta' Ħidma pluriennali, il-baġit u r-riżorsi tal-persunal.

Il-membri attwali tal-Bord u s-sommarji tal-laqgħat tagħhom fl-2012 jinsabu fuq il-websajt tal-ESMA: www.esma.europa.eu/mb

Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq tal-ESMA

Il-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq (SMMSG) kien stabbilit skont ir-Regolament ESMA biex jgħin jiffaċilita l-konsultazzjoni mal-partijiet interessati f'oqsma rilevanti għall-kompiti tal-ESMA. L-ESMA hija mitluba li tikkonsulta lill-SMMSG dwar l-abbozz ta' linji gwida u standards tekniċi. It-30 membru tal-SMMSG, iltaqgħu l-ewwel darba f'Lulju 2011 u nħatru mill-ESMA għal perjodu ta' sentejn u nofs wara sejħa miftuħa għal kandidati. Jirrappreżentaw il-partiċipanti tas-swieq finanzjarji u l-impjegati, il-konsumaturi u l-utenti tal-bejgħ l-oħra tas-servizzi finanzjarji, l-utenti tas-servizzi finanzjarji u intrapriżi żgħar u medji.

Fl-2011, il-Grupp eleġġa lil Guillaume Prache bħala l-President tiegħu, rappreżentant tal-konsumaturi. Huwa appoġġjat mill-Viċi-Presidenti konġunti Peter de Proft, rappreżentant tal-utenti tas-servizzi finanzjarji, u Judith Hardt, rappreżentanta tal-partiċipanti tas-suq finanzjarju. Il-grupp iltaqa' f'ħames okkażjonijiet fl-2012, u flimkien ma' dan, organizza żewġ laqgħat flimkien mal-Bord tas-Superviżuri tal-ESMA. Il-Grupp ħareġ diversi pariri, opinjonijiet u rapporti dwar kwistjonijiet li jikkonċernaw l-attivitajiet ta' tfassil ta' politika tal-ESMA. Sommarji ta' dawn il-laqgħat, kif ukoll rapport annwali tal-Grupp, jinsabu fuq il-websajt tal-ESMA:

www.esma.europa.eu/smsg

2. Il-kisbiet tal-ESMA fejn jidħlu l-għanijiet tagħha għall-2012

It-tieni sena ta' operazzjoni tal-ESMA kienet ikkaratterizzata mill-implimentazzjoni ta' dawn il-bidliet fil-leġiżlazzjoni finanzjarja, identifikata mill-UE bħala meħtieġa biex tiġi indirizzata l-kriżi finanzjarja, u biex jintlaħaq l-impenn tagħha għall-G20 biex tinbena sistema finanzjarja aktar reżiljenti. It-tliet oqsma l-aktar rilevanti fejn l-ESMA għamlet progress fejn jidħlu dawn l-għanijiet kienu:

- l-istandards tal-ESMA fir-rigward tal-infrastrutturi tas-suq (EMIR);
- il-ħidma tagħha għall-inklużjoni tar-reġim il-ġdid ta' superviżjoni għall-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu (CRA II); u
- b'mod partikolari d-dħul fis-seħħ tar-Regolament tal-UE dwar il-Bejgħ bin-Nieqes fejn l-ESMA kisbet setgħat u responsabbiltajiet ġodda. Dawn kienu msejħa diġà fid-data ta' twelid tar-Regolament fejn l-ESMA ħarġet opinjoni dwar it-trażżin fil-Greċja u Spanja.

L-Awtorità pprovdiet biċċiet ta' xogħol importanti oħra li kienu ta' għajjnuna biex tiġi fformata ulterjorment il-ġabra unika ta' regoli biex tintlaħaq konverġenza superviżorja madwar l-Istati Membri. Iż-żewġ oqsma ewlenin f'termini ta' żvilupp tal-ġabra unika ta' regoli kienu l-bejgħ bin-nieqes u l-EMIR, li jissodisfaw l-impenn tal-G20 tal-UE biex jiġu rregolati d-derivattivi barra l-Borża. Barra minn hekk, l-ESMA tat pariri dwar leġiżlazzjoni sekondarja dwar il-prospetti u kemm għall-UCITS kif ukoll għall-fondi ta' investment alternattivi (AIFMD). Bħala appoġġ għall-għan tagħna tal-ġabra unika ta' regoli, dan jien jinvolvi wkoll it-tweġġ ta' ħidma preparatorja għall-biċċiet ta' leġiżlazzjoni dwar it-titoli li ġejjin bħall-MiFID u l-MiFIR, id-Direttiva dwar l-Abbuż tas-Suq (MAD) u r-Regolament dwar l-Abbuż tas-Suq (MAR), u d-Direttiva dwar id-Depożitarji Ċentrali tat-Titoli (CSD), li qiegħda tiġi ffinalizzata mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill.

L-ESMA għamlet ukoll progress lejn l-ilħuq ta' konverġenza ta' Prattiki superviżorji u regolatorji madwar l-UE. Din kienet tinkludi l-ħruġ ta' linji gwida għall-attivitajiet tas-susq bħan-negozjar b'frekwenza għolja, iżda indirizzat wkoll manijers ta' fondi ta' investment alternattivi, fondi negozjati fil-borża (ETFs) u UCITS konvenzjonali. Involviet ukoll linji gwida dwar l-adegwatezza tal-pariri lill-investituri u l-funzjonijiet ta' konformità tad-ditti ta' investment. Sabiex jiġu identifikati dawk l-oqsma ta' leġiżlazzjoni eżistenti fejn jista' jkun hemm aktar konverġenza, l-ESMA, fl-2012, wettqet evalwazzjonijiet bejn il-pari tal-attivitajiet tal-awtoritajiet nazzjonali sabiex tivvaluta l-grad ta' konverġenza fl-applikazzjoni u l-infurzar tar-regolament tal-UE, u ppubblikat revizzjonijiet tar-reġimi tal-prospett u l-użu tas-sanzjonijiet għall-abbuż tas-suq.

Meta wieħed iħares lejn is-suq tat-titoli li meta mqabbel mal-2011, naqas fl-2012, l-ESMA kellha rwol ewlieni fil-koordinazzjoni tal-azzjoni mill-NCAs f'emerġenzi relatati ma' żviluppi negattivi tas-suq. Fl-istess ħin saħħet il-monitoraġġ tas-suq u x-xogħol ta' intelliġenza tagħha fir-rappurtar lill-istituzzjonijiet tal-UE, partikolarment il-BERS, li finalment jikkontribwixxi biex iqajjem kuxjenza dwar ir-riskji u x-xejriet fis-swieq finanzjarji.

L-ESMA, fit-tieni sena ta' superviżjoni tagħha tas-CRAs, temmet it-tieni sensiela sħiħa ta' investigazzjonijiet tas-CRAs ewlenin, fejn identifikat nuqqasijiet u oqsma għal titjib, u ppubblikat ir-rapport rispettiv f'Marzu. Fl-2012, l-ESMA eżaminat il-metodoloġiji ta' klassifikazzjoni tal-banek tas-CRAs, inkluża r-reviżjoni tal-proċessi ta' żvelar. Sa tmiem l-2012, l-ESMA kienet irreġistrat 19-il CRA fl-UE b'CRA ċċertifikata mill-Ġappun. L-ESMA baqgħet tirċievi aktar applikazzjonijiet għal reġistrazzjoni.

Il-biċċa l-kbira tal-ħidma tagħna bħala stabbilizzatur u superviżur hija mmexxija mill-mira tagħna ta' protezzjoni tal-investituri. Il-protezzjoni tad-drittijiet tal-investituri tieħu forom differenti, inklużi regoli preskrittivi lil ditti li joffru servizzi, iżda tinvolvi wkoll l-edukazzjoni u t-twissija tal-investituri dwar ir-riskji potenzjali. Fl-2012, l-ESMA ħarġet twissija lill-investituri fir-rigward tal-iżvantaġġi li jiffaċċjaw l-

investituri meta jużaw l-internet għall-finijiet ta' investment, wara li ġiet osservata żieda fl-ilmenti rapportati mill-awtoritajiet nazzjonali.

Mezz ieħor biex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-investitur huwa li jiġi żgurat li jeżisti l-livell ix-xieraq ta' trasparenza għall-prodotti ta' investment permezz ta' informazzjoni ta' kwalità għolja; wieħed mis-suġġetti li baqa' fuq nett fl-aġenda tal-ESMA. Dan involva l-monitoraġġ tal-iżviluppi, u l-promozzjoni tal-perspettiva tal-Awtorità, fi ħdan il-komunità internazzjonali tar-rappurtar finanzjarju u l-korpi internazzjonali li jstabbilixxu l-istandards. Fl-inseguwiment ta' dan ir-rwol, l-ESMA kkontribwixxiet għall-iżvilupp ta' Standards Internazzjonali għall-Irrappurtar Finanzjarju (IFRS) u pprovdiet assistenza fuq kwistjonijiet relatati mal-kontabbiltà, bħall-applikazzjoni tal-IFRS meta jiġi indirizzat id-dejn sovrani.

Flimkien ma' dan ir-rwol politiku importanti, l-ESMA kompliet bil-ħidma tagħha fuq il-qsim ta' esperjenzi bejn is-superviżuri nazzjonali fuq kwistjonijiet ta' sorveljanza tas-suq u kwistjonijiet relatati mal-bidliet li ġejjin fil-leġislazzjoni eżistenti tal-UE, inklużi d-Direttivi dwar il-Prospett (PD) u dwar it-Trasparenza (TD), Offerti ta' Xiri, eċċ.

L-ESMA għamlet ukoll progress fil-ħidma konġunta tagħha f'dan il-qasam ma' ASE oħra u l-BERS. Fl-2012, it-tliet Awtoritajiet Superviżorji Ewropej (ASE) – l-ESMA, l-ABE u l-EIOPA – wettqu ħidma konġunta fil-Kumitat Konġunt dwar kwistjonijiet trans-settorjali: Din tat ħarsa lejn ir-riskji trans-settorjali, il-protezzjoni tal-investituri u l-innovazzjoni finanzjarja, il-kwistjonijiet superviżorji indirizzati tal-konglomerati finanzjarji, li jkopru wkoll kwistjonijiet bħall-ħasil tal-flus.

2.1 Stabbiltà Finanzjarja

L-istabbiltà finanzjarja x'aktarx li hija ddefinita l-aħjar bħala sitwazzjoni fejn is-sistema finanzjarja b'mod ġenerali qiegħda tiffunzjona sew mingħajr tfixkil u fejn is-sistema - li tinkludi intermedjarji finanzjarji, swieq u infrastrutturi tas-suq – hija kapaċi tassorbi xokkijiet finanzjarji u reali mingħajr ma jkollha impatt fuq l-assi ta' allokkazzjoni. L-istabbiltà finanzjarja tfisser li s-sistema finanzjarja għandha tkun tista' tittrasferixxi b'mod effiċjenti u bla xkiel ir-riżorsi minn dawk li jfaddlu lill-investituri, ir-riskji għandhom jiġu kemm ivvalutati kif ukoll ġestiti u pprezzati b'mod preċiż.

Mifhuma b'dan il-mod, is-salvagwardja tal-istabbiltà finanzjarja teħtieġ li tidentifika x-xejriet ewlenin, ir-riskju u l-vulnerabbiltà fl-allokkazzjoni tar-riżorsi finanzjarji minn dawk li jfaddlu lill-investituri u l-ipprezzar ħażin jew il-ġestjoni ħażina tar-riskji finanzjarji. Dan il-monitoraġġ għandu jħares 'il quddiem: ineffiċjenzi fl-allokkazzjoni tal-kapital jew nuqqasijiet fl-ippezzar u l-ġestjoni tar-riskju jistgħu jaffettwaw l-istabbiltà finanzjarja u fl-aħħar nett l-istabbiltà ekonomika. Is-sorveljanza tal-iżviluppi kemm fuq livell mikro kif ukoll fuq dak makro hija essenzjali, u din hija riflessa fit-twaqqif tal-ESMA, l-awtoritajiet simili tagħha tal-ABE u l-EIOPA u fl-aħħar nett il-BERS fejn l-informazzjoni tinġabar fuq livell makro.

Din il-kooperazzjoni hija essenzjali għal kwistjonijiet ta' stabbiltà peress li huma l-intermedjarji finanzjarji, bħall-banek, kumpaniji ta' assigurazzjoni u investituri istituzzjonali oħrajn li jidderieġu l-assi mill-investitur lill-mutwatarju, u huwa l-infrastrutturi tas-suq li permezz tagħhom l-assi finanzjarji jgħaddu bejn ix-xerrejja u l-bejjieġha.

Il-ħidma ddetaljata tal-ESMA fuq l-istabbiltà finanzjarja hija disponibbli fil-verżjoni sħiħa bl-Ingiż tar-rapport annwali, li tinsab fuq: <http://www.esma.europa.eu>

2.2 Protezzjoni Finanzjarja tal-Konsumatur

Kompitu importanti ieħor għall-ESMA huwa li tiżgura l-protezzjoni tad-drittijiet tal-konsumatur. Hija tilħaq dan billi tippromowovi t-trasparenza, is-semplikità u l-ġustizzja fis-swieq tat-titoli għall-konsumaturi ta' prodotti jew servizzi finanzjarji. Sabiex jiġi żgurat li l-investituri jgawdu l-istess livell ta' protezzjoni irrispattivament mill-punt ta' bejgħ jew il-prodott li jkun qiegħed jinbiegħ, l-ESMA tiġbor, tanalizza u tirrapporta dwar ix-xejriet tal-konsumatur, filwaqt li tippromowovi kemm l-inizjattivi għall-għarfien u l-edukazzjoni finanzjarja u tikkontribwixxi biex issaħħaħ ir-regoli komuni ta' żvelar biex b'hekk il-konsumaturi jkun jistgħu jieħdu deċiżjonijiet ta' investment xierqa.

Jekk l-ESMA tidentifika prodotti li jistgħu minnhom infushom jippreżentaw theddid serju għall-investituri, hija ser tikkunsidra li toħroġ twissijiet. Jekk jidħlu fis-seħħ il-proposti leġislattivi preżenti, fil-

futur l-ESMA ser tkun tista', bħala l-aħħar miżura, tipprojbixxi temporanjament ċerti prodotti. Il-ħidma tal-ESMA f'dan il-qasam sejra tiffoka wkoll biex jiġi żgurat li l-informazzjoni finanzjarja mogħtija mill-parteċipanti fis-suq lill-investituri tkun ċara, tista' tinftiehem u konformi mar-regoli eżistenti. Il-ħidma ddettaljata tal-ESMA fuq il-protezzjoni tal-konsumatur hija disponibbli fil-verżjoni sħiħa bl-Ingiż tar-rapport annwali, li tinsab fuq: <http://www.esma.europa.eu>

2.3 Superviżjoni

In-nuqqas ta' armonizzazzjoni fis-superviżjoni finanzjarja qabel u matul il-kriżi finanzjarja wassal lill-Parlament Ewropew biex isejjaħ għal avvanz lejn superviżjoni Ewropea aktar integrata sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet verament ekwi għall-atturi kollha fil-livell tal-UE, u sabiex tiġi riflessa ż-żieda fl-integrazzjoni tas-swieq finanzjarji tiegħu. Is-Sistema Ewropea tas-Superviżjoni Finanzjarja (SESF), li tinkludi l-ESMA, inħolqot sabiex tegħleb dawn in-nuqqasijiet u tipprovdni sistema li tkun taqbel mal-għan ta' suq finanzjarju uniku u stabbli tal-UE għas-servizzi finanzjarji, li tgħaqqad l-NCAs fi hdnan netwerk b'saħħitha tal-UE.

Ġie deċiż ukoll li jiġi promoss approċċ Ewropew għas-superviżjoni tal-atturi pan-Ewropej, bħall-kulleġġi superviżorji fil-qasam bankarju u għal wara n-negozjar (CCPs). Barra minn hekk, l-ESMA għet inkarigata biex tkun l-uniku superviżur għall-Aġenziji tal-Klassifikazzjoni tal-Kreditu (CRAs) fl-UE. Mill-2013, l-istess sejjer ikun il-każ għar-repożitorji tat-tranżazzjonijiet - dawk l-imħażen tad-dejta li jiġbru, isalvaw u jqiġghdu għad-dispożizzjoni dejta dwar l-ikklerjar u s-saldu. Fit-twerttiq tas-superviżjoni tal-parteċipanti fis-swieq finanzjarji b'firxa pan-Ewropea, li jista' jkollhom impatt fuq l-integrità tas-swieq finanzjarji tal-UE, l-ESMA tikkontribwixxi għal swieq finanzjarji aktar sikuri u b'saħħithom li sussegwentement jappoġġjaw il-protezzjoni tal-investituri.

L-ESMA ħadet f'idejha r-responsabbiltà superviżorja għas-CRAs irreġistrati fl-UE f'Lulju 2011. Hekk kif in-numru ta' CRAs irreġistrati gradwalment kiber, ir-rwol tal-ESMA progressivament mexxa mill-iżgurar tal-koerenza u l-konsistenza madwar il-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni, lejn il-politika attwali u r-rwol superviżorju tagħha għas-CRAs.

Il-ħidma superviżorja ddettaljata tal-ESMA hija disponibbli fil-verżjoni sħiħa bl-Ingiż tar-rapport annwali, li tinsab fuq: <http://www.esma.europa.eu>

2.4 Ġabra Unika ta' Regoli

Il-kriżi finanzjarja esponiet l-effetti negattivi li leġiżlazzjoni applikata f'mod mhux ġust jista' jkollha għas-swieq finanzjarji, il-konsumaturi tagħha u l-ekonomiji b'mod ġenerali. Għalhekk, inħasset il-ħtieġa li jiddaħħlu strumenti effettivi biex jiġu stabbiliti applikazzjonijiet nazzjonali tal-liġi tal-UE aktar armonizzati. Sabiex titrawwem aktar koerenza fil-leġiżlazzjoni tat-titoli u l-applikazzjoni tagħha, l-ESMA tista' toħroġ standards tekniċi regulatorji (RTS) sabiex tiżgura kundizzjonijiet ekwi u protezzjoni tal-investituri xierqa. Bħala entità b'kompetenza esperta speċjalizzata ħafna, l-ESMA, f'oqsma ddefiniti mill-liġi tal-UE, hija fdata bl-iżvilupp ta' abbozz ta' RTS, li jagħtu aktar dettalji u jiċċaraw il-leġiżlazzjoni tal-UE tal-Livell-1.

Dawn l-RTS għandhom l-mira li jtejbu l-kwalità u l-konsistenza tas-sorveljanza nazzjonali, isaħħu s-sorveljanza ta' gruppi transkonfinali u jistabbilixxu ġabra unika tar-regoli tal-UE applikabbli għall-parteċipanti kollha tas-suq finanzjarju fis-suq intern. L-ESMA taqdi dan ir-rwol, jew sejra taqdi dan ir-rwol, għal dawk it-testi legali li jfasslu s-swieq Ewropej tat-titoli (MiFID), l-infrastruttura (EMIR) u l-



funzjonament normali tagħhom (il-bejgħ bin-nieqes, il-MAD), iżda anki b'RTS għall-parteċipanti ewlenin fis-swieq finanzjarji bħas-CRAs u l-fondi ta' investiment (UCITS, AIFMD).

Il-ħidma ddettaljata tal-ESMA fuq il-ġabra unika ta' regoli hija disponibbli fil-verżjoni sħiħa bl-Ingiż tar-rapport annwali, li tinsab fuq: <http://www.esma.europa.eu>

2.5 Konverġenza

L-ESMA twaqqfet biex trawwem konverġenza superviżorja billi tnaqqas l-arbitraġġ regolatorju li jirriżulta minn prattiki superviżorji differenti madwar l-UE, li jista' jkollhom il-potenzjal li jdgħajfu mhux biss l-integrità, l-effiċjenza u l-funzjonament normali tas-swieq iżda fl-aħħar nett anki l-istabbiltà finanzjarja.

L-Awtorità għandha l-għan li tuża l-ħidma ta' konverġenza biex tmexxi l-attivitajiet tagħha f'oqsma oħra tal-Programm ta' Ħidma, inkluż it-tisħiħ tal-ġabra unika ta' regoli, permezz tal-ħruġ ta' linji gwida u rakkomandazzjonijiet f'oqsma fejn teżisti differenza ta' applikazzjoni, u billi tagħti pariri lill-KE fuq oqsma fejn tista' tkun meħtieġa leġiżlazzjoni riveduta biex jiġu allinjati l-prattiki superviżorji.

Il-ħidma ddettaljata tal-ESMA fuq il-konverġenza hija disponibbli fil-verżjoni sħiħa bl-Ingiż tar-rapport annwali, li tinsab fuq: <http://www.esma.europa.eu>